**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Novembru 2021**

**Rikors nru: 235/2020 AGV ;**

AB

vs

CDE

**Il-Qorti rat ir-rikors guramentat ta' AB, datat 10 ta' Dicembru 2020 li espona bir-rispett;**

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sebgha (7) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) gewwa Alaro, Baleares, Spanja, liema kopja tal-estratt mill-Att taz-Zwieg jinsab hawn anness u mmarkat bhala **Dok. DC1**;

2. Illi sussegwentament dan iz-zwieg gie irregistrat gewwa Malta fis-sena 2014, liema Att taz-Zwieg ghandu in-nurmu 960/2014;

3. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx ulied;

4. Illi il-partijiet ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar sitt snin stante illi l-attur kien irritorna Malta wara ftit zmien jghixu flimkien u ilu minn dakinhar ma jara l-konvenuta;

5. Illi inoltre l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet hija impossibbli minhabba inkomptabilita ta' karattru bejn il-kontendenti;

6. Illi ir-rikorrent jirrileva illi huwa qieghed jirrinunzja ghal kwalunkwe pretenzjoni li jista jkollu ghal manteniment minghand il-konvenuta;

7. Illi m'hemm ebda prospett raġonevoli għall-partijiet għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante li illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissoddisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

9. Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghad-divorzju skont digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, liema digriet igib in-numru 2280/20 JPG, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok DC 2;

10. Illi ghalhekk kellu jsir dar-rikors guramentat sabiex jintalab divorzju bejn il-partijiet;

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili;

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet;
2. Tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti , tillikwida l-istess komunjoni u kull propjeta' ohra komunjoni bejn il-partijiet akkwistata waqt iz-zwieg u bin-nomina okkorrendo ta' periti biex jaghmel l-imsmeija likwidazzjoni u jipprovedi pjan ta' qasma u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jipubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jipprezentaw l-eventwali kontumaci;
3. Tassenja iz-zewg porzjonijiet, wahda lil attur u l-ohra lill-konvenuta;
4. Tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet minn kwalsisi dritt taghha illi titlob u / jew tipprecepixxi manteniment minghand l-attur;
5. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-intimata, debitament notifikata, naqset milli tipprezenta r-risposta taghha, u ghalhekk il-Qorti kienet iddikjaratha kontumaci.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-provi f'din il-kawza jikkonsistu biss fl-affidavit tal-attur. Il-konvenuta naqset milli tidher jew tippresenta provi, u ghalhekk il-fatti kif esposti mill-attur huma ppruvati. Jidher li l-partijiet kienu zzewgu fi Spanja fl-2013, izda z-zwieg dam biss sena, meta l-attur gie lura Malta wara li r-relazzjoni kienet spiccat. Miz-zwieg ma kellhomx tfal. Minn dak iz-zmien 'l hawn, l-attur qatt ma ra lill-konvenuta jew ghamel kuntatt maghha. Huwa ghalhekk iddikjara li ilu separate minn martu ghal aktar minn sitt snin, qatt ma talab manteniment minnha u hi qatt ma tablet minnu, u ma hemm ebda prospett li jirrikonciljaw. Ghalhekk qed jitlob id-divorzju.

Kwantu ghall-komunjoni tal-akkwisti, ma gew prodotti ebda provi. Il-Qorti ma tafx f'hiex tikkonsisti l-istess komunjoni. Tista' biss tippresumi x'jista' jkun fiha, biex taghti certi provvedimenti. Ghalhekk, fl-eventwalita' li jirrisultaw kontijiet bankarji f'isem il-partijiet, jew titoli ta' investimenti, dawn ghandhom jinzammu minn dik il-parti li ghandha l-kont jew it-titolu f'isimha, u l-istess jista' jinghad ghal vetturi. Il-komunjoni ser tigi xjolta mas-sentenza.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet;

2. Tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u kull propjeta' ohra komuni bejn il-partijiet akkwistata waqt iz-zwieg kif fuq spjegat.
3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba.
4. Tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet minn kwalsisi dritt taghha illi titlob u / jew tipprecepixxi manteniment minghand l-attur;
5. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien ghaxart ijiem (10) javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu a karigu tal-konvenuta.

**Imhallef** **Cettina Gauci**

**Onor Anthony G. Vella** **Dep Reg**